# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 82/2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Patrick Otto Michael Wrede (Detentur tal-Passaport Ingliz numru 704164605), Thomas Bone-Winkel (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru L5NPWCZW3); u Lin XiongXiong (Detentur tal-Passaport germaniz bin-numru L6WL78H64); kif lokalment rapprezentati mill-mandatarju specjali taghhom Avukat Dottor Paul Micallef Grimaud (ID Numru 67579M);**

**vs.**

**Peter Massine (Detentur tal-Passaport Germaniz bin-numru 255639676); Johannes Michael Meyer; Paul Farrugia ID. No. 480664 M) u Claudine Attard (ID. No. 487171M); Registratur tal-Kumpaniji**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-19 ta' Jannar, 2017, (ara foll 1);

2.0 Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll iz-19 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu, wara li:

2.1. Iddikjarat li rat l-istess rikors *de quo*;

2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet hemm inkluzi;

2.3. Ordnat in-notifikat tal-istess ghar-risposta skont il-ligi;

2.4. Appuntat l-istess rikors ghas-smigh fid-data hemm indikata, (ara foll 1 u 16);

3. Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji datata is-26 ta' Jannar, 2017, (ara foll 23);

4. Rat ir-risposta tal-intimati Massine u Meyer datata s-6 ta' Frar, 2017, (ara foll 290);

5. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Farrugia datata t-8 ta' Frar, 2017, (ara foll 360);

6. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Attard Farrugia datata t-8 ta' Frar, 2017, (ara foll 378);

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi essenzjalment il-procedura odjerna hi intiza biex sintetikament, din il-qorti:

9.1. Izzomm lill-intimati Massine u Meyer milli jagixxu bhala diretturi tas-socjeta` *Bright Stone Holdings Limited* u konsegwentement izzommhom milli jezercitaw xi forma

ta' poter naxxenti kemm mill-ligi jew mill-*Memorandum and Articles of Association* tal-istess socjeta` hawn indikata lid-diretturi ta' *Bright Stone Holding Limited*, (ara foll 1);

9.2. Izzomm lill-istess intimati Massine u Meyer, flimkien mall-intimati Farrugia u Attard Farrugia milli jinfurmaw jew jaghtu l-impressjoni lil terzi li huma diretturi tal-istess socjeta`, jew li jippruvaw jirregistraw lill-istess Massine u Meyer bhala diretturi tal-istess fi kwalunkwe registru, fosthom dak tar-Registru tal-Kumpaniji, (ara foll 1);

9.3. Izzomm lir-Registratur intimat milli jirregistra lill-istess intimati Massine u Meyer bhala diretturi tas-socjeta` *de quo* li ggib in-numru C-40891 jew li l-istess Registratur jirregistra xi dokumenti iffirmati jew ipprezentati minnhom f'isem l-istess socjeta` fuq riferita, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi r-rikorrenti jsosstnu sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi r-rikorrenti Wrede hu l-proprjetarju tal-ishma kollha tas-socjeta` *Bright Stone Holding Limited*, bl-eccezzjoni ta' sehem wiehed (1), (ara foll 3);

10.2. Illi r-rikorrenti Bone-Winkel u Xiong Xiong huma tnejn (2) mit-tliet (3) diretturi tal-istess socjeta`, (ara foll 3);

10.3. Illi l-intimati Massine u Meyer gew mahtura diretturi tal-istess socjeta` wara t-trasferiment ta' ishma fl-istess socjeta` mir-rikorrenti Wrede lill-intimat Massine, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

11. Illi r-Registratur tal-Kumpaniji intimat irrisponda li qed jirrimetti ruhhu ghall-gudizzju ta' din il-qorti (ara foll 24);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-intimati Attard (ara foll 1) jew Attard Farrugia, (ara foll 378), u Farrugia (ara foll 360), sintetikament irrispondew b'mod identiku u enfasizzaw is-segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti *nomine* ghandu jipprezenta l-prova tal-prokura tieghu biex jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tal-mandant tieghu, (ara foll 361 u 379);

12.2. Illi l-istess mandatarju ghandu jipprova d-dritt tieghu fuq il-proprjeta` in dizamina – senjatament fuq l-ishma minnhom riferiti, (ara foll 363 u 380);

12.3. Illi ghall-integreta` tal-gudizzju, s-socjeta` *Bright Stone Holding Limited* kellha tkun inkluza bhala intimata f'din il-procedura, (ara foll 364 u 382);

12.4. Illi r-rikorrenti Bone-Winkle u Xiong Xiong m'ghandhomx interess guridiku biex jesperixxu din il-kawza, (ara foll 364 u 383);

12.5. Illi r-rikorrenti mandanti m'ghandhomx dritt jintavolaw tali procedura *stante* li ishma tas-socjeta` in dizamina gew trasferiti mir-rikorrenti Wrede u konsegwentement, fil-prezent, m'ghandu l-ebda dritt jagixxi b'dan il-mod fir-rigward, (ara foll 365 u 383);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-intimati Massine u Meyer sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

13.1. Illi r-rikorrenti Wrede m'ghadux azzjonist fis-socjeta` hawn in dizamina, u dan, b'effett mid-9 ta' Jannar, 2017, (ara foll 290);

13.2. Illi l-ishma in dizamina kienu gew trasferiti lil Massine permezz ta' skrittura privata, (ara foll 290);

13.3. Illi ghalhekk, *prima facie*, r-rikorrenti m'ghandhomx dritt jagixxu fir-rigward u konsegwentement, ir-rikors odjern ghandu jigi respint, (ara foll 297);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-iskop tal-mandat in dizamina hu li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta' pregudizzju li ghall-persuna li qed titlob il-mandat, (ara l-artiklu 873(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

15.0. Illi f'dan ir-rigward hu mehtieg li biex tigi milqugha talba ghall-hrug ta' tali mandat, rikorrenti jinhtieg li jissodisfa li juri zewg kweziti, fir-rigward, senjatament:

15.1. Li l-mandat hu mehtieg biex jigu protetti l-pretensjonijiet tieghu tant, li kemm- il darba l-istess mandat ma jigix lilu koncess, isofri pregudizzju;

15.2. Illi r-rikorrenti jkun jidher li *prima facie* ghandu dawk id-drittijiet minnu vantati;

Ikkunsidrat:

16. Illi dawn iz-zewg rekwiziti elenkati fil-paragrafu precedenti gew kostantement meqjusa li huma kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin;

17. Illi konsegwentement, jekk wiehed mill-istess rekwiziti ma jirrizultax, il-qorti hi kostretta li tirrespingi t-talba intavolata lilha ghall-hrug tal-istess mandat in dizamina;

18. Illi *di piu`*, hu wkoll stabbilit kostantement fil-gurisprudenza fir-rigward li fl-interpretazzjoni taghha l-qorti ghandha tapplika interpretazzjoni restrittiva u dan, *stante* li meta l-qorti tkun qeghda taccerta ruhha mill-fatti in dizamina, hi tkun qed taghmel dan meta l-pretenzjoni vantata mir-rikorrenti ma tkunx giet guridikament dettaljatament accertata u stabbilita fil-meritu taghha;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi dwar l-ishma tas-socjeta` in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi r-rikorrenti Wrede jsosstni li hu l-proprjetarju tal-ishma kollha hlief ghal sehem wiehed (1), (ara foll 3 u 5);

19.2. Illi l-istess rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti jsosstni li t-trasferiment ta' ishma registrati f'isem l-intimat Massine kien wiehed frawdolenti, (ara foll 3);

Ikkunsidrat:

20. Illi fl-ezami taghha fir-rigward din il-qorti hi ristretta ghall-ezami rigwardanti l-fatt jekk ir-rikorrenti ghandux id-drittijiet minnu vantati fil-livell ta' *prima facie*;

21. Illi konsegwentement, din il-qorti hi prekluza milli testendi l-analizi taghha ghall-ezami approfondit u ezawrjenti tad-drittijiet fil-mertu tal-partijiet involuti;

22. Illi ghalhekk l-analizi in dizamina hu essenzjalment wiehed approssimattiv hu hekk limitat ghall-fatt jekk fir-rigward jezistux elementi ta' dritt - tal-anqas in *prima facie* - kif vantat mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

23.0 Illi mid-dokumenti pprezentati *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi r-rikorrenti Wrede ma baqax azzjonista tas-socjeta` *Bright Stone Holding Limited* b'effett mid-9 ta' Jannar, 2017, (ara foll 290 u 346);

23.2. Illi d-dokument riportanti t-trasferiment indikat fil-paragrafu precedenti hu dokument komunement maghruf bhala

*"Form T"*, liema formola taghti avviz tat-trasferiment ta' ishma fi hdan il-kumpanija in kwistjoni mir-rikorrenti Wrede tal-intimat Massine, (ara foll 346);

Ikkunsidrat:

24. Illi jirrizulta assodat mir-rizultanzi fuq sintetikament elenkati li l-kontendenti huma kolpiti minn disputa fuq min minnhom ghandu d-dritt ta' proprjeta` tal-ishma in dizamina;

25. Illi r-rikorrenti Wrede isosstni li t-trasferiment tal-ishma *de quo* kif indikat a foll 227 kien wiehed frawdolenti;

26. Illi min-naha tieghu l-intimat Massine jirrespingi din l-allegazzjoni tar-rikorrenti u jsosstni li d-dokumenti ufficjali in dizamina jirriflettu kif effettivament sehhew il-fatti bejn il-kontendenti;

Ikkunsidrat:

27. Illi kif ritenut aktar qabel, (ara paragrafu numru hmistax punt zero, (15.0.)), il-qorti hi statutorjament u kazistikament prekluza milli tesplora *funditus* il-mertu naxxenti minn tali kwezit;

28. Illi fl-azzjioni investigattiva taghha din il-qorti hi ristretta ghall-ezami *in prima facie* tad-drittijiet vantati u hi obbligata li thalli l-ezami approfondit ghall-procedura ohra appozita quddiem il-forum statutorjament indikat li ghandu jeffettwa tali analizi;

Ikkunsidrat:

29. Illi rizultat tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta *prima facie* pacifiku li r-rikorrenti Wrede m'ghandux id-drittijiet minnu allegati *stante* li *prima facie*, jirrizulta assodat li l-intimat Massine legittimament akkwista l-ishma in dizamina mill-istess rikorrenti bil-ftehim datat id-9 ta' Jannar, 2017, fuq riferit;

Ikkunsidrat:

30. Illi in vista tal-premess, jirrizulta li r-rekwizit tal-*prima facie* vantat mir-rikorrenti ma jirrizultax li gia` debitament sodisfatt;

31. Illi konsegwentement, mhux allura mehtieg li l-qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwizit l-iehor *stante* li dawn ghandhom jigu kkonsidrati kumulattivament, (ara paragrafu numru sittax, (16.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

32.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi allura kostretta li tirrespingi t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat in dizamina *stante* li mhux ir-rekwiziti kollha in dizamina gew sodisfatti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

32.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

32.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

32.3. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preliminari precedenti taghha datat iz-19 ta' Jannar, 2017;

32.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**